MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 12/2006

**Emma Anderson**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Gunju, 2006, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"L-Arbitru,

Ra d-decizjoni appellata.

Ra l-ittra ta' l-appell.

Ra r-Risposta tad-Direttur.

Sema' t-trattazzjoni ta' l-appell.

Ikkunsidra:

Illi l-appellanti legalment separata kienet beneficcjarja tal-Ghajnuna Socjali sa l-4 ta' Novembru 2005 meta din l-assistenza giet lilha mwaqqfa wara spezzjoni li saret mill-ispettur tad-Dipartiment fl-indirizz ta' l-appellanti bhala rizultat ta' liema id-Direttur ma setax ikun sodisfatt li l-appellanti kienet qed tifforma familja ghal rasha u li hija kienet il-kap tal-familja.

Mill-*Investigation Report* imhejji wara l-ispezzjoni li saret fl-4 t'Ottubru 2005 (Dok. C anness mar-risposta tad-Direttur) jirrizulta li meta l-ispetturi zaru r-residenza ta' l-appellanti il-Gzira hi ddikjarat li kienet tghix hemmhekk flimkien mal-hames uliedha u li ma kien hemm hadd iehor prezenti hlief hi u l-imsemmija uliedha izda wara li l-ispetturi fittxew fil-fond sabu lil certu Paul Zammit fis-sodda ta' l-appellanti. Dan Zammit huwa missier il-hames wild ta' l-appellanti filwaqt illi l-erba' ulied l-ohra ta' l-appellanti huma t-tfal ta' zewgha li minnu hija legalment separata.

Waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell l-appellanti sostniet li Zammit jirrisjedi f'appartament l-Imsida u qalet illi dakinhar li saret l-ispezzjoni huwa kien raqad ghandha 'because he was babysitting my children'. Hija qalet ukoll illi fil-prezent Zammit mhux qed ihallasha manteniment ghal binhom Euan Zammit u dan peress illi huwa dizokkupat.

L-Arbitru jidhrilha li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-appellanti dwar il-prezenza ta' Zammit fir-residenza taghha ma tistax titwemmen izda hija wkoll tal-fehma li ma ngibitx prova mid-Dipartiment li Paul Zammit qed imantni lill-erba' ulied l-ohra ta' l-appellanti. L-appellanti ghalhekk ma tistax titqies li mhijiex il-kap tal-familja biss minhabba s-semplici fatt li Paul Zammit instab fir-residenza taghha.

> Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u d-decizjoni appellata revokata."

Minn din is-sentenza appella d-Direttur tas-Sigurta` Socjali. Ic-censura tieghu tirpoza fuq l-aggravju illi d-decizjoni ta' l-Arbitru hi bbazata fuq presunzjoni zbaljata. Dan ghal motiv, skond l-appellanti, illi, avolja, Paul Zammit ma kellux l-obbligu li jmantni t-tfal minuri ta' l-appellata, li ma humiex proli tieghu, dan, xorta wahda ghandu jitqies "kap tal-familja" jew li jifforma parti minn dik il-familja;

Jibda biex jinghad illi minn kif koncepita t-tifsira li l-ligi taghti lill-espressjoni "kap ta' familja" fl-Artikolu 2 tal-Kapitolu 318, din tiprivileggja l-"verita`" dwar min hu kap ta' familja in bazi ghall-"opinjoni tad-Direttur". Din id-definizzjoni certament isservi ta' gwida biex tikkreja l-presunzjoni. Tali presunzjoni, pero`, tibqa' wahda relativa jew *juris tantum* u mhux assoluta jew *jure et de jure*. Evidentement, in materja timponi ruhha kwestjoni ta' interpretazzjoni tal-ligi. Hekk it-tieni ipotesi tivverifika ruhha fil-kazijiet fejn hi prevvista presunzjoni li ma tammettix il-prova kuntrarja [ara Artikolu 1235 (1), Kodici Civili]. Inversament, meta hu l-kaz li wiehed ma jistax jasal ghal konkluzjoni li si tratta ta' presunzjoni assoluta, din ghandha titqies wahda relattiva u allura hi ammessa l-prova kuntrarja. Dan "allavolja l-ligi ma zzommx espressament il-jedd ghal prova kuntrarja." [Artikolu 1235 (2), Kodici Civili];

Dan premess, irid jigi aggunt illi l-presunzjoni relattiva tikkonfigura deroga ghal principju generali tat-tqassim ta' l-oneru tal-provi in kwantu tirrendi agevoli l-posizzjoni processwali ta' wahda mill-partijiet. Ara f' dan il-kuntest l-Artikolu 1234 tal-Kodici Civili. Taht dan l-aspett il-presunzjoni legali *iuris tantum* tassumi, in kwantu ghar-regolamentazzjoni tal-piz tal-prova, funzjoni diversa minn dik statwita fl-Artikolu 562 tal-Kapitolu 12;

Addizzjonalment, imbaghad, ta' min jissottolineja illi, anke fil-qafas ta' presunzjoni legali relattiva, mhux necessarjament u bilfors illi certu fatt ghandu jitqies veru ghax sempliciment dedott minn fatt iehor. Hekk, fl-ambitu tal-fattispeci, il-fatt li Paul Zammit instab fil-mument ta' l-ispezzjoni fil-fond ta' l-appellata ma jgibx ghal daqshekk illi awtomatikament huwa dan li ghandu jitqies il-"kap tal-familja". Fl-iskema ta' l-Artikolu 1234 ssurreferit dak il-fatt hu biss konsiderat bhala provat sakemm ma jkunx ipprovat il-kuntrarju;

Jikkonsegwi, logikament, illi l-presunzjoni legali relattiva *ut sic* ma tikkontribwix ghal formazzjoni tal-konvinciment ta' min hu msejjah biex jarbitra fuq il-fattispeci izda sempliciment tistabilixxi certa ripartizzjoni ta' l-oneru tal-prova in kwantu tikkonsidra bhala sussistenti (dejjem salv il-prova kuntrarja) elementi determinati ta' fatt li mieghu hu allaccjat certu effett guridiku. Xejn anqas u xejn izjed. Hekk allura meta l-presunzjoni *iuris tantum* tghabbi fuq spallejn min hu gravat li jressaq il-prova kuntrarja, il-prova hekk sottoposta trid necessarjament tigi valutata mill-arbitru jew mill-gudikant fil-kwadru globali tal-provi, u jekk tali prova tinsab li hi wahda adegwata biex tikkontrobatti l-presunzjoni, ma hemm xejn x' izomm lil min irid jiddeciedi milli, fil-liberu konvinciment tieghu, jakkolji l-prova kuntrarja;

Fil-kaz in ezami l-Arbitru deherilha, fuq il-valutazzjoni taghha, illi, fl-istess waqt li ma emmnetx lill-appellata fil-versjoni taghha rigwardanti l-presenza ta' Paul Zammit fir-residenza taghha, xorta wahda ma kellhiex tinklina favur il-prova presuntiva li l-istess Zammit kellu jitqies il-kap tal-familja. Ir-ragonament induttiv ta' l-Arbitru fis-sentenza appellata ma jidherx, fil-fehma ta' din il-Qorti, li hu wiehed illogiku jew guridikament zbaljat. Il-presenza ta' Zammit fid-dar ta' l-appellata ma jgibx ghal daqshekk biss illi minn din l-istess presenza ghandu jiddixxendi l-applikabilita` tal-principju ta' l-*id quod plerumque accidit*. Ikollu jinghad, imbaghad, illi l-presunzjoni ma kellhiex, fil-kaz specifiku ezaminat, timponi ruhha fuq l-Arbitru bhala xi soluzzjoni imperattiva, kif mill-appellanti determinati fid-decizjoni

tieghu. Kif gja mtenni minn din il-Qorti, dik l-“opinjoni” tad-Direttur fit-termini tad-definizzjoni tal-ligi m’ ghandhiex lanqas remotament tfisser xi diskrezzjoni assoluta vestita mil-ligi fid-Direttur. A propozitu, is-sentenza fl-ismijiet “**Joan Orsini -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**”, 18 ta’ Ottubru, 2006.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddeciedi billi tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez a karigu tad-Direttur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------